# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 210/2016**

Il-Pulizija

vs

**Fabio Psaila**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 527965(M)

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Fabio Psaila quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta' Novembru 2015, u f' dawn l-ahhar hmistax il gurnata naqas milli jaghti lil Isabella Mercieca s-somma ta' 280Euros, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha thallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta’ April, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Fabio Psaila pprezentat fis-27 ta' April, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka thassar u tannulla s-sentenza tat-18 ta' April 2016, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Familja) u tillibera lill-esponent minn kull htija u piena skont il-ligi rigward il-manteniment ghall-perjodu imsemmi fl-akkuza u dana stante li l-akkuza kif inharget hija zbaljata.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi b' kull dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti u provi b' mod generali.

Illi ai termini ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata, 1 ta' Marzu, 2011, u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-3 ta' Frar, 2012, Fabio Psaila kien ordnat illi jivversa manteniment mensili versu uliedu minuri, liema manteniment ikun dovut kull 1-ewwel tax-xahar.

Illi l-akkuza tirreferi ghax-xahar ta' Novembru 2015 u dawn l-ahhar hmistax il-gurnata.

Illi Isabella Mercieca Frantz ghamlet ir-rapport gewwa l-ghassa tal-Puluzija f' Novembru, 2015, u ghalhekk l-akkuza ma setghetx tirreferi ghal 'dawn l-ahhar hmistax-il gurnata'.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Fabio Psaila u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena karcerarja tillibera lil Fabio Psaila taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.